IR-RABA' KTIEB
TAL-GHOXRIN SENA

DIĊEMBRU
1944

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD

| | | |
|---|---|---|
| EDITORJAL—Naħsbu għalii ġej ... ... ... ... | Faċċ. | 97 |
| PATRI V. V. BARBARA, O.P.—*Ave Maria* ... | ,, | 98 |
| A. CREMONA—Rev. Charles L. Dessoulavy, Ph.D. | ,, | 99 |
| NUTAR C. MICALLEF DE CARO—*Is-Saħħar* ... | ,, | 100 |
| NUTAR C. MICALLEF DE CARO—*Ix-Xħiħ* ... | ,, | 100 |
| ĠUŻE' GALEA, M.D., D.P.H—Inkwiet fil-Familja | ,, | 101 |
| PATRI W. BORN, O.P., C.F.—*Helsien*... ... | ,, | 121 |
| Ġ. CASSAR PULLICINO—"Nonny" ... ... | ,, | 125 |
| ĠUŻE' CHETCUTI—*Il-Ġmiel ta' Artna* ... ... | ,, | 128 |
| DUN FRANS CAMILLERI—Trab ... ... ... | ,, | 129 |
| G.C.P.—Reċensjoni : "Għanjiet Bikrija" ... | ,, | 130 |
| VIC. APAP—*L-Iskrun ta' l-Ajruplan* ... ... | ,, | 131 |
| G.C.P.—Reċensjoni : "Q'ub Imjassra" ... | ,, | 132 |
| JOS. GALEA—*Anakreontika* ... . ... | ,, | 133 |
| NUTAR C. MICALLEF DE CARO—*Tabib Imgħaddab* | ,, | 133 |
| EMMANUEL AGIUS, B.Sc., M.D., D.P.H. D.Bact. (London)—*Ħsieb* ... ... ... | ,, | 134 |
| ROBERT MAGRO—*Ċapċip*... ... ... ... | ,, | 134 |
| Wer:e: tal-Għoxrin Sena ... ... ... | ,, | 135 |

# IL-MALTI

*QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

DIĊEMBRU 1944

EDITORJAL

# NAHSBU GHALLI ĠEJ

*FTIT taż-żmien ieħor ikollna l-Assemblea Nazzjonali li sa tiltaqa' biex issawwar abbozz ta' kostituzzjoni ġdida għall-gżejjer tagħna. Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet mistiedna biex tibgħat delegati tagħha ħalli jieħdu sehem fit-tħejjija tal-kostituzzjoni u ma' l-"Għaqda" kienu mistednin xi għaqdiet u xirkiet tal-Malti biex huma wkoll jibagħtu d-delegati tagħhom.*

*Il-maħturin tal-"Għaqda", ma għandniex xi ngħidu, bi ħsiebhom jaqbżu għall-Malti, iżda d-delegati kollha li sa jieħdu sehem fl-Assemblea Nazzjonali jmisshom iħossu d-dmir li ma jħallux il-Malti jkun imwarrab jew imċaħħad mill-jeddijiet li jistħoqqulu bħala lsien nazzjonali tal-pajjiż.*

*Meta aħna ngħidu li rridu naqbżu għall-Malti mhux jiġifieri li bi ħsiebna mmeru l-ilsien tagħna biex nagħmlu dannu lil xi lsien jew lil xi ħadd ieħor: dan qatt ma jgħaddilna minn rasna; aħna nixtiequ nwettqu l-jeddijiet ta' lsienna għax nafu li b'hekk inkunu qegħdin nagħmlu ġid lill-poplu u ġieħ lil pajjiżna.*

*Il-lum il-poplu dara jaqra bil-Malti u jikkorrispondi b'dan l-ilsien. Fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, fil-Qorti, fin-negozju issa daħal il-Malti u l-poplu sab ruħu tajjeb ħafna għax ikun jaf u jifhem x'qiegħed igħaddi minn għalih, mhux kif konna qabel meta min ma kienx jaf b'ilsien barrani kien jibqa' fil-għama fuq ħwejjeġ li jolqtuh fil-laħam il-ħaj. Min jaf kemm-il-darba bniedem kien isib ruħu f'ċirkustanzi li minnhom kienu jiddependu ħajtu u ġiehu bla ma hu kien ikun jaf x'qiegħed jingħad fuqu. Haġa bħal din jeħtieġ li qatt ma tarġa' tiġri f'pajjiżna u kull delegat fl-Assemblea Nazzjonali għandu jħoss id-dmir li jara li ma nerġgħux immorru lura flok li nimxu 'l quddiem.*

*Barra dan, il-lum il-Malti qiegħed isawwar letteratura ta' ġmiel, ta' fejda u ta' sengħa li tista' bil-ġieh kollu toqgħod ma' ġenb oħrajn barranin. Din il-letteratura ġdida tista' titqies bħala*

*patrimonju nazzjonali u tisura biex tgħolli s-sentimenti artistiċi tal-poplu, biex tiftaħlu għajnejh u biex tgħallmu jġarrab u jħoss dik il-hena li titnissel mil-lehma u s-sebħ u ż-żina tal-etteratura. Bħal ma nħabirku biex inkattru l-ġid materjali tal-poplu hekk ukoll imissna nagħmlu minn kollox biex ma nħalluhx nieqes mill-ġid intellettwali. Kif aħna ngħożżu l-patrimonju artistiku ta' pajjiżna hekk imissna ngħożżu mhux anqas il-patrimonju letterarju tagħna u nħabirku biex inkabbruh, insedduh u nkattruh.*

*Mela jeħtieġ li ma nħallux ix-xrara għall-Malti tnin u tintefa kemm fil-ħajja soċjali kif ukoll fil-ħajja intellettwali u aktar ma nheġġu biex inqajmu l-Malti aktar 'il quddiem għad ikollna letteratura sewwja u sabiħa għax it-tħabrik tagħna jħajjar lil ħafna żgħażagħ mixgħulin bl-imħabba għal ilsien art twelidhom biex jissoktaw jiktbu u jkattru l-ġieħ tal-letteratura tagħna.*

---

## AVE MARIA

### *Ta'* PATRI V. V. BARBARA, O.P.

Riesaq il-lejl; wara l-għoljiet ħadrana
Niżlet ix-xemx titbissem bl-aħħar dija;
Minn fuq l-egħlieqi nstama' jidwi l-leħen
*"Ave, Maria!"*

Qniepen, xi ħlewwa! Xħin bħal qlub li jħobbu
Ifaħħru 'l-Omm fis-skiet ta' fil-għaxija,
Jistiednu lill-ħolqien itenni magħhom:
*"Ave, Maria!"*

Ftit xjuħ f'nisraħ il-knisja jaqtgħu kliemhom,
Jinxeħtu għarkobbtejhom bla mistħija,
Bil-ħerqa kollha jiżżu ħajr u jlissnu:
*"Ave, Maria!"*

Go darha l-omm tiġbor l-ulied madwarha,
Minn fommhom lejn is-sema ferreħija
Titla' t-tislima wara jum ta' ħidma:
*"Ave, Maria!"*

Ave, Maria! Kbar u żgħar, Omm ħelwa,
Jintilfu fl-għaxqa ta' dil-poeżija,
Għax Inti trodd is-sliem lill-qalb li tgħanni:
*"Ave, Maria!"*

# Rev. CHAS. L. DESSOULAVY, Ph.D.

*Ta'* A. Cremona

Wieħed mill-eqdem u l-egħżeż ħbieb tal-"Għaqda" huwa r-Reverendu **CHARLES L. DESSOULAVY Ph.D.**, ta' Londra, li b'għafsa ta' qalb ħabbarna l-mewt tiegħu fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Settembru li għadda.

Bil-mewt ta' Dessoulavy il-"Għaqda" tilfet wieħed mill-iktar membri ħabrieka tagħha, iżda l-istess membri sħabu tal-"Għaqda" u oħrajn Maltin li jafuh t'lfu wkoll ħabib tal-qalb li l-aqwa ferħ tiegħu kien meta j'sta' jaqdihom sew bħala sħabu tal-"Għaqda" kemm bħala Maltin. Ir-Reverendu Dessoulavy kien l-ewwel wieħed fost in-nies ta' barra minn Malta li ħabrek biex jissieħeb fil-"Għaqda" u jaħdem għaliha. Minn mindu l-isem tal-"Għaqda", sew sew wara tliet xhur li twaqqfet, wasal f'widnejh huwa kiteb sabiex ikun jaf l-iskopijiet tagħha, u malli sar jafhom, huwa qatt ma naqas li jgħinha bil-ħidma tiegħu ta' bniedem imħeġġeġ għall-istudju tal-filoloġija semitika.

Aħna għandna bosta xogħlijiet tiegħu li jixhdu din ix-xorta ta' ħeġġa u ħidma tiegħu. L-ewwel artikoli tiegħu fuq in-nisel ta' kliem Malti nsibuh f'artiklu tiegħu, maqlub bil-Malti, f'"Il-Malti" tat-Tieni Sena, 1926, meta fisser il-fehma tiegħu fuq in-nisel tal-kelma *Hall* (quddiem xi ismijiet ta' rħula). It-tieni artiklu tiegħu dwar il-Malti deher fit-23 ta' Marzu, 1926, u t-tielet f'April, 1926, fid-"Daily Malta Chronicle", **fejn wera l-akbar dehen u sengħa** ta' kritika meta waqqa' b'argumenti sħaħ il-fehmiet ta' "Horsesense" li l-Malti għandu jinkiteb kif jinħass u mhux skond l-etimoloġija tal-kelma. F'dawn l-artikoli Dessoulavy faħħar u wettaq is-sistema tal-"Għaqda".

B'riħet it-tħabrik ta' Dessoulavy il-"Għaqda" ħadet sehem fil-Kungress ta' l-Orjentalisti f'Oxford li sar għeluq Awissu, 1928, fejn huwa, bħala Delegat maħtur mill-"Għaqda", qara l-karta "The Development of Maltese as a written language and its affinities with other Semitic Tongues." F'dan il-Kungress tħaddet ma' l-aqwa Orjentalisti fuq il-Malti u fuq ix-xogħol tal-"Għaqda."

Wara dan l-inkariku, Dessoulavy ma hediex mill-ħeġġa u ħidma tiegħu għall-Malti, u baqa' sa mewtu wieħed mill-aqwa ħaddiema fil-qasam ta' l-istudju tal-Malti. Wieħed mill-artikoli sbieħ u ta' tagħlim kien dak li deher f'"Il-Malti" ta' l-1934, taħt ismu fuq il-Kwiekeb u l-Kostellazzjonijiet. Wara disa' snin ta' ħajja ta' xogħol u risq, il-"Għaqda" kienet għamlet erbat iħbieb sewwa ta' barra minn Malta, fosthom Patri Rafel Nakhla, orjentalista, u Patri Edmund Sutcliffe, Professur tal-Lhudi, żewġ Ġeżwiti; dan ta' l-aħħar kiteb grammatika tal-Malti bl-Ingliż. Ma' dawn inżidu lil Laurent Ropa, Malti mrobbi fi Franza, rumanzier mill-kbar, iżda l-ebda wieħed minn dawn ma kellna x-xorti li narawh fostna bħalma rajna lil Dessoulavy li ġie jżurna fil-bidu ta' Ġunju, 1934, u qatta' fostna 10 ijiem li fihom kellna l-pjaċir li nkellmuh u nisimgħuh fit-tliet konferenzi li għamel, waħda fl-Awla ta' l-Università, oħra fl-Uffiċċju ta'

l-Edukazzjoni u oħra fil-"Ladies Club". Wara li telaq mill-Gżira, Dessoulavy baqa' dejjem marbut magħna, jiftakar fil-Malti u fina.

Barra minn xi artikolu ċkejken li wara deher f'"Il-Malti" mill-pinna tiegħu, bħal dak fuq in-nisel tal-kelma *Marsamxett*, artikoli oħra tiegħu interessanti fuq il-letteratura u filoloġija semitika u fuq il-Malti dehru fil-"Journal of the Royal University of Malta". Wieħed mix-xogħlijiet kbar li ħalla warajh, bħala studju filoloġiku, huwa d-Dizzjunarju etimoloġiku tiegħu tal-Malti: "Maltese Arabic-Word-List" (1938), fejn għal dak li hu kliem Malti, mexa fuq id-dizzjunarju ta' Falzon. Dan ix-xogħol huwa siltu minn xogħol ieħor filoloġiku wisq akbar li kien ilu jaħdem fuqu "A comparative Lexicon of the Semitic Tongues", li xi sena ilu ħarġu taħt l-isem ta' "Gate of the East and Garden of Semitic Semitic Roots."

Dessoulavy kien il-bniedem li fejn jidħol il-Malti kien jagħti ż-żmien u l-ħidma tiegħu kollha. Ma kontx titolbu favur biex ifittixlek f'libreriji, arkivi, xi manuskritt jew xi informazzjoni dwar storja, kitba jew xi dokument fuq il-Malti jew xi tagħrif dwar in-nisel semitiku ta' kelma jew dwar xi awtur, li ma jmiddx għonqu biex jaqdik minnufih. Dan rajnieh f'bosta xogħlijiet li bis-saħħa tat-tħabrik tiegħu setgħu jidhru bl-irqaqat kollha ta' informazzjonijiet dokumentati. Dawk il-Maltin kollha tal-"Għaqda" u li mhumiex, fosthom studenti Maltin, li nzertaw f'Londra sabu fih l-aqwa ħabib li laqagħhom, mexxiehom, għenhom u ffrankalhom ħafna taħbit u spejjeż biex raw l-irkejjen ta' dik il-belt hekk kbira u sabiex ukoll jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Il-"Għaqda", nerġgħu ngħidu, bil-mewt tiegħu tilfet ġawhra u l-Maltin wieħed mill-egħżeż ħbieb ta' barra.

Nagħalqu din id-daqsxejn ta' bijografija billi nagħtu fuq fuq xi tagħrif dwar il-karriera tiegħu. Ir-Reverendu Dessoulavy miet fl-24 ta' Awissu li għadda; twieled f'Neuchatel (Svizzera), fl-1875 u tgħallem f'Wornersh u fl-"Institut Catholique de Paris." Ordna qassis fl-1899. Kien Profes-sur tal-Filosofija f'Wornersh mill-1899 sa l-1904 u Kurat fi Greenwich mill-1904 sa l-1907. Kien ukoll Kappillan tal-Kulleġġ ta' San Franġisk Saverju u Kappillan tas-Sorijiet tal-Fqar f'Kensington (Southwark, Lambeth), distrett ta' Londra, mill-1922 sakemm miet. Nitolbu għalih.

---

## IS-SAHHAR

*Ta'* C. MICALLEF DE CARO

Jien saħħâr sirt imħabba fik,
O Għaks, tifħir nagħtik;
Kulħadd nagħraf malli nara,
Iżda lili ħadd ma jara!

## IX-XHIH

*Ta'* C. MICALLEF DE CARO

Is-senduq tal-misħut xħiħ
Tista' xxebbhu ma' l-infern,
Għax il-flus li jidħlu fih
Hemm għal dejjemf jibqgħu żgur.

# INKWIET FIL-FAMILJA

*(Dramm Soċjali fi 3 Atti)*

*Ta'* Ġużè' Galea

*(Jorbot mal-Għadd ta' Settembru, 1944)*

## IT-TIENI ATT

*Sala fi Club; min-naħa ta' wara tidher il-kamra tal-bar b'ħafna ħbieb jixorbu u jitkellmu flimkien; fuq iż-żewġt iġnub bibien li jagħtu għal swali oħra fil-Club. Fuq il-palk ħafna pultruni, siġġijiet, imwejjed żgħar u għamara oħra li tgħodd għal Sala ta' Club.*

*Il-Ġeneral jidher bil-qiegħda fuq pultruna jaqra gazzetta.*

**Ġeneral:**

Waiter! Waiter!

**Waiter:**

*(jidħol bil-ħeffa u jieqaf iebes).* Hawn, sur Ġeneral.

**Ġeneral:**

Is-Sur Tumas rajtu hawn il-lejla?

**Waiter:**

Għadu ma ġiex, sinjur.

**Ġeneral:**

Koħlox sewwa.

**Waiter:**

Naqdik f'xi ħaġa oħra, sinjur?

**Ġeneral:**

Xejn għal issa.

*(Il-waiter iniżżel rasu bil-qima u jwarrab.)*

*(KURUNELL jidħol mill-bieb tal-ġenb, iħares ftit ma' dwaru u mela jilmaħ lill-Ġeneral imur ipoġġi ħdejh)*

**Kurunell:**

Sur Ġeneral, kif int?

**Ġeneral:**

*(jerfa' rasu minn fuq il-gazzetta.)* Ara l-Kurunell. Intix tajjeb? Oqgħod ħdejja ħalli ngħidu kelmtejn.

**Kurunell:**

*(iressaq il-pultruna aktar ma' ġenb il-Ġeneral.)* X'aħbarijiet għandna l-lejla? X'ġiebet il-gazzetta?

**Ġeneral:**

Xejn mill-ġdid; kollox tas-soltu: bumbardament mill-ajru, avanz bit-tankijiet, ħbit bis-sottomarini. Il-lum is-suldat qajla jissemma.

**Kurunell:**

Din gwerra ta' l-azzar, petrol, gomma u radju.

**Ġeneral:**

Mhux bħal fi żmienna. Dari s-suldati kienu jistgħu juru x'isarrfu u l-mexxejja tagħhom kellhom fiex juru d-dehen ta' moħħom.

**Kurunell:**

Tiftakar fil-gwerra l-oħra! Dik kienet gwerra ta' l-irġiel; dawk kienu taqbidiet ta' ħila.

**Ġeneral:**

Dik kienet gwerra ta' tattika mhux bħal din il-gwerra tal-lum qisha tellieqa min jiġri l-aktar.

**Kurunell:**

Meta nġib quddiem għajnejja t-tjun ta' Fjandra, it-trunċieri ta' Ypres u nxebbaħhom mal-blitzkrieg tal-lum, nara kemm morna għall-agħar saħansitra fis-sengħa tal-ġlied.

**Ġeneral:**

Il-lum is-suldat ma għadux bniedem tal-ġlied kif kien fi żmienna; il-lum iderrub jagħmilha ta' mekkaniku, ta' "driver", ta' radju-telegrafist; jgħallmuh il-ġuġitzu, iqabbżuh bil-paraxut mill-ajruplani, juruh kif ikisser u jħarbat, imma qajla jħarrġuh biex jitqabad sider ma' sider. Saħansitra fil-mixi tagħhom is-suldati ma għadhomx li kienu. Dari oħna konna immarċaw f'nofs ta' triq bil-banda quddiem; il-lum nara s-suldati għaddejjin wieħed wara l-ieħor minn taħt il-ħajt biex jinħbew donnhom ħallelin.

**Kurunell:**

Dari kont tilmaħ battaljuni b'eluf ta' suldati mexjin spalla ma' spalla jgħattu wilġa, bil-bajunetti jilmaw fix-xemx, iwerwru lil kull min jarahom; ma kellhom xkiel ta' xejn ħlief xi erba' kanuni Howitzers jew xi ftit Vickers. Il-lum is-suldati jġorru tarzna magħhom: kanuni ta' kull daqs u ta' kull għamla: Bren, Bofors, Ack Ack, Lewis, Oerlikon; karrozzi, jeeps, carriers, radju-vans. Ma nafx kif jistgħu jiġġieldu b'dan ix-xkiel kollu.

**Ġeneral:**

Il-lum ma nisimgħux b'dawk l--attakki bil-bajunetti li jqajmulek ġismek xewk xewk, meta s-suldati b'saħna ta' qilla jikinsu kulma jsibu quddiemhom.

**Kurunell:**

U anqas għadna naqraw fuq xi karga tal-kavlerija meta r-rikkieba jħarbtu l-għadu u jqattgħuh bis-*sabres* tagħhom.

**Ġeneral:**

Il-ħun iż-żnuniġiet inbidlu.

**Kurunell:**

Is-suldat ma għadux li kien.

*(IT-TABIB ROBERT STANLEY, liebes ta' Kaptan, jidħol mill-bieb tal-ġenb, isellem u jibqa' sejjer fil-bar.)*

*(Il-ħbieb li jkunu fil-bar, iduru ma' Dottor Stanley u jifirħu bih.)*

**Ħabib:**

Ara Dottor Stanley, merħba bik, Robert.

**Ħabib ieħor:**

Nifraħlek Kaptan Robert.

**Ħafna Ħbieb:**

*(kollha flimkien)* Nifraħlek, nifraħlek bil-qalb kollha.

**Ħabib ieħor:**

Ma hawnx għalih it-Tabib Stanley!

**L-ewwel Ħabib**

Ħriġt tassew ta' raġel.

**It-Tieni Ħabib:**

Ixrob magħna għax jixraqlek.

**Stanley:**

Kont se nistedinkom tixorbu miegħi.

**Ħabib:**

L-ewwel ixrob magħna mbagħad nixorbu miegħek.

*(Stanley u ħbiebu jixorbu, jifirħu u jitkellmu.)*

**Ġeneral:**

*(lil Kurunell)* Dan għax qegħdin jifirħulu?

**Kurunell:**

Mela għadek ma smajtx? Il-lejla l-komunikat uffiċjali faħħar ħafna lill-Kaptan Dottor Stanley li ssemma b'ġieh kbir u qala' dekorazzjoni għall-ħila li wera.

**Ġeneral:**

Dan kif?

**Kurunell:**

Milli jidher kien hemm taqbida ħarxa. Xi uffiċjali tagħna rtiraw. Imma Kaptan Stanley, li kien it-Tabib tar-Riġment, baqa' fejn kien, dewwa l-midrubin kif sata' u ġabar il-ftit suldati li kien baqa', żammhom miegħu, għamlilhom il-ħila u b'inkejja ta' nar qawwi baqa' jieqaf lill-għadu u jitfgħu lura sakemm was-

let il-għajnuna tagħna. Li ma kienx hu konna nitilfu pożizzjoni tajba ħafna barra milli kienu jħallu ħajjithom il-midrubin u jinqabdu priġunieri s-suldati li baqgħu ma rtirawx bħal sħabhom.

**Ġeneral:**

Għamil bħal dan ta' min ifaħħru.

**Kurunell:**

Il-lum ftit issib nies qalbenin ta' din ix-xorta. Tridx insejħulu jixrob magħna lil-Kaptan Stanley?

**Ġeneral:**

*(mifxul)* Le, le; għax qiegħed nistenna ħabib biex ikellimni fuq ħaġa ta' reqqa kbira.

**Kurunell:**

Bilħaqq, fuq it-tifel tiegħek ħadt xi aħbar dan l-aħħar? Taf kif għadda?

**Ġeneral:**

Kitibli li issa jinsab tajjeb ħafna; ħareġ mill-isptar u jittama li ma jdumux ma jibagħtuh jgħaddi xi erbat ijiem mistrieħ id-dar.

**Kurunell:**

Issa dak it-tifel tiegħek x'fettillu mar daħal suldat? Kieku mexxejtlu kelma int ma kienux idaħħluh Fizzjal?

**Ġeneral:**

Ma wrieni b'xejn. Mar inkiteb suldat minn rajh bla ma qal lil ħadd. Il-lum it-tfal jagħmlu li jridu u li jfettlilhom bla ma jieħdu parir minn għand ħadd.

**Kurunell:**

Għax jidhrilhom li jafu kollox. Daż-żmien iż-żgħażagħ kollha mżattin u mserdkin, minn għalihom jifhmu f'kollox, jaħsbu li ħadd ma jista' għalihom u jridu jgħixu ħielsa minn kull xkiel u lġiem.

**Ġeneral:**

Hekk hu, hekk hu.

*(L-IMĦALLEF, li jkun jitkellem ma' Stanley, joħroġ mill-bar u jersaq lejn il-Ġeneral u sieħbu.)*

**Imħallef:**

Merħba bik, Sur Ġeneral. Kif int, Kurunell?

**Ġeneral u Kurunell:**

Tajbin, tajbin.

**Ġeneral:**

Serraħ hawn, Sur Imħallef. Poġġi ħdejja.

**Imħallef:**

Xtaqt ingħidlek kelma, Sur Ġeneral.

**Kurunell:**

Se nħallikom weħidkom. (*iqum*). Saħħa għalikom.

**Ġeneral:**

Saħħa, Kurunell.

**Imħallef:**

Saħħa; nerġgħu niltaqgħu.

(*L-Imħallef iressaq il-pultruna qrib il-Ġeneral.*)

**Imħallef:**

Ġeneral, ilna nafu lil xulxin is-snin il-kbar.

**Ġeneral:**

Ilna ħbieb minn meta konna għandna tfal.

**Imħallef:**

Ma' tul dan iż-żmien kollu dejjem żammejtek b'ħabib tal-qalb.

**Ġeneral:**

Jien dejjem qistek bħala wieħed minn ta' ġewwa.

**Imħallef:**

Tajjeb. Għaldaqstant naħseb li jekk nagħtik parir tieħdu bħala parir li ġej minn għand wieħed li ma jixtieqlekx ħlief ġid lilek u lill-familja tiegħek.

**Ġeneral:**

Il-pariri tiegħek dejjem għożżejthom u mxejt fuqhom.

**Imħallef:**

Hekk nittama li tagħmel issa. Intix tara lit-Tabib Stanley?

(*L-Imħallef idejjer rasu lejn il-Bar, fejn ikun it-Tabib.*)

**Imħallef:**

Nagħtihulek bħala żagħżugħ sewwa kemm jista' jkun, Tabib ta' għerf kbir fil-professjoni tiegħu. Fizzjal mill-aktar qalbiena, għadu kemm qala' tifħir u ġieh kbir għall-ħila tiegħu; dan ilu qatigħ bi ħsieb Sonja u issa talabni biex ngħaddilu kelma miegħek.

**Ġeneral:**

(*miblugħ u mifxul.*) Talab lilek?

**Imħallef:**

Jiena lit-Tabib Stanley ili nafu minn meta kien għadu student, dejjem stmajtu bħal ibni u hu qatt ma naqasni f'xejn. Issa

għażet lili biex immexxilu kelma miegħek, billi jaf kemm jiena u inti ningiebu flimkien; għadu kemm talabni biex illaqqgħu miegħek.

**Ġeneral:**

*(Il-Ġeneral joqgħod jaħseb għal ftit donnu jtalla' u jniżżel x'ser jibda jwieġeb, imbagħad jitkellem donnu mfantas.)* Sur Imħallef, jekk trid li nibqgħu ħbieb issemmilix aktar lit-Tabib Stanley.

**Imħallef:**

*(mistagħġeb u miksur.)* Ma jidhirlix li għandek għalfejn tieħu għalik. Jiena ndħalt għal din il-biċċa l-ewwelnett għax naf it-Tabib x'raġel hu, it-tieni għax nixtieq il-ġid lil Sonja.

**Ġeneral:**

Sonja naf jien xinhu l-aħjar għaliha u ma bi ħsebnix inħallieha tintilef wara wieħed li ma jixirqilhiex.

**Imħallef:**

It-Tabib Stanley ma fihx xi tmaqdar.

**Ġeneral:**

Sonja jixirqilha wieħed aħjar; igħodd għaliha xi Fizzjal biex jmixi fit-triq li għaddejt minnha jien, bniedem nobbli, ta' qima u ta' ġieh li jkun jista' jressaqha fl-aqwa soċjetà.

**Imħallef:**

Sonja tifla ma jonqosha xejn, ma għandhiex għalfejn tintrabat ma' bniedem biex tikber u togħla bis-saħħa tiegħu.

**Ġeneral:**

Sonja għandha min iridha wieħed mill-aqwa nies tal-pajjiż; bagħat joħtobha l-lum u jekk inti ddum ftit ieħor miegħi nurihulek għax għandna niltaqgħu hawn: dalwaqt tarah ġej mal-ħabib tagħna s-Sur Tumas, għax miegħu bagħat jitlobni biex ngħarrsu lit-tifla.

**Imħallef:**

*(wara li jdum jaħseb ftit)* Agħdirni għax semmejtlek it-Tabib Stanley; ma kontx naf li Sonja mwiegħda 'l ħaddieħor.

**Ġeneral:**

S'issa għad ma hemm xejn, imma jien għandi xewqa kbira li binti titħallat ma' ta' De Vere, għax għandek tkun taf li l-Kaptan Rudolf De Vere bagħat joħtobha.

**Imħallef:**

*(bid-dehxa u bil-ħatfa)* Il-Kaptan Rudolf De Vere!?

**Ġeneral:**

*(minnufih)* Iva. Ma tafux? Hux bin waħda mill-familji l-aktar nobbli li għandna? Milli nifhem iħobb wisq il Sonja u mitluf warajha, għax malli raġa' lura minn fuq il-front bagħat jitlobhieli b'għarusa tiegħu.

**Imħallef:**

*(ħosbien)* Imma inti tafu sewwa lil Kaptan De Vere?

**Ġeneral:**

De Vere nies magħrufin minn kulħadd.

**Imħallef:**

*(jibqa' jaħseb ftit, imbagħad iressaq rasu lejn il-Ġeneral fil-waqt li jistaqsih)* Lill-Kaptan qatt kellimtu?

**Ġeneral:**

Qatt ma ltqajt miegħu.

**Imħallef:**

*(dejjem imħasseb)* Sonja xi tgħid? Tħobbu?

**Ġeneral:**

Dik it-tifla ma nistax nifhimha, meta semmejtulha baqgħet bierda bħal siċċa, iżda għandi fehma li malli tarah u tkellmu għandha tinġibed lejh u tispiċċa biex tittajjar għalih.

**Imħallef:**

Qabel ma tħajjar lil Sonja għall-Kaptan De Vere mhux aħjar tistenna ftit sakemm issir tafu sewwa?

**Ġeneral:**

Ma jidhirlix li hemm għalfejn nistenna biex inkun nafu sewwa lil De Vere; bniedem bħalu magħruf minn kulħadd.

**Imħallef:**

Imma inti staqsejt għalih sewwa?

**Ġeneral:**

*(jieħu għalih)* Xi trid tfisser b'din il-mistoqsija? Jaqaw taf xi ħaġa fuq il-Kaptan De Vere? Jekk taf tkellem bla ħabi.

**Imħallef:**

Jisgħobbija li bħala Mħallef ma nistax ingħid li rrid, imma bħala ħabib tiegħek qalbi ma ttinix li ma niftaħlekx għajnejk.

**Ġeneral:**

*(b'wiċċ imqarras)* Xinhu? Xinhu?

**Stanley:**

*(Il-Tabib Stanley joħroġ mill-bar u jersaq fuq iż-żewġt iħbieb; isellmilhom bil-qima kollha.)*

X'għandna, Sur Imħallef! serv tiegħek, Sur Ġeneral.

**Imħallef:**

(*mifru'*) Ara t-Tabib Stanley. Nifraħlek Dott; il-ġieh li qlajt jisthoqqlok tassew; urejt ħila tal-għaġeb u ħriġt ta' raġel mill-aqwa. (*lill-Ġeneral*) Sur Ġeneral, nippreżentalek lit-Tabib Stanley.

**Ġeneral:**

(*imqit u mill-qalb il barra*) Għandi pjaċir li ltqajna.

**Stanley:**

Tħalluni nistedinkom nixorbu flimkien

**Ġeneral:**

(*merfugħ*) Jiena ma nixrobx.

**Stanley:**

(*miksur*) Ikun ġieh kbir għalija kieku tieħdu qatra miegħi.

**Imħallef:**

(*iqum minn fuq il-pultruna, iqiegħed idu fuq spallejn it-Tabib*) Dottor Stanley, il-Ġeneral qiegħed jistenna xi ħbieb u għal-lejla ma jistax ikompli magħna; inħalluh fil-wisa'; imxi nixorbu jiena u inti fil-bar. (*jaqbad lit-Tabib labranzetta*) Saħħa, Sur Ġeneral.

**Stanley:**

Saħħa, Sur Ġeneral.

**Ġeneral:**

Saħħa għalikom.

**Sur Tumas:**

(*Is-SUR TUMAS u l-KAPTAN DE VERE jidħlu mill-bieb tal-ġenb u jersqu lejn il-Ġeneral.*)
Saħħa Sur Ġeneral.

**De Vere:**

(*iħabbat saqajh ma' xulxin u jintlewa biex isellem*) Sur Ġeneral, serv tiegħek.

**Ġeneral:**

(*iqum jifraħ bihom*) Merħba bikom. Kif intom?

**Sur Tumas:**

Ġeneral, nippreżentalek lill-Kaptan De Vere.

**Ġeneral:**

Għandi pjaċir li sirt nafek, Kaptan De Vere. (*jeħodlu b'idu*). Oqogħdu bil-qiegħda (*iċempel qanpiena li tkun fuq mejda żgħira ħdejn il-pultruna tiegħu.*) Issa tixorbu xi ħaġa miegħi.

**Waiter:**

*(jersaq bil-heffa)* Hawn sinjur!

**General:**

X'tiehu Kaptan? X'iġiblek Sur Tumas? Jiena dejjem whisky niehu, whisky bi ftit soda.

**Sur Tumas, De Vere:**

Jien ukoll, jien ukoll.

*(Il-waiter imur iġib il-whisky.)*

**General:**

Kaptan, smajt li ma ilekx li rġajt lura minn fuq il-front, nifrahlek li wasalt qawwi u sħiħ. Kont ilek fuq il-linja ta' quddiem?

**De Vere:**

*(imfantas)* Domt hemm fuq is-sena.

**General:**

Mela rajt u ġarrabt. Issa ġejt għal xi ftit tal-mistrieħ? Kemm bi ħsiebek iddum hawn?

**De Vere:**

*(mifxul u donnu jrid ibiddel il-kliem)* Malli ġejt ħsibt f'Sonja u għamilt f'rasi li nitlobhielek b'għarusa tiegħi.

**Sur Tumas:**

*(lill-General, bil-ħlieqa)* Dik bintek Sonja ħaditlu moħħu lill-Kaptan De Vere, dejjem jaħseb fiha ma jistax igħaddi mingħajrha.

**De Vere:**

Sur General, jekk ikolli s-sensja tiegħek, nixtieq li l-għerusija tkun qasira għax irrid li t-tieġ isir malajr.

**General:**

Inti kemm int mgħaġġel? Madankollu Sonja tħoll u torbot għax hi trid tgħid iva jew le.

**Sur Tumas:**

Sonja mhix sejra ma toqgħodx għall-kelma tiegħek, Sur General.

**General:**

*(ħosbien)* F'ħaġa bħal din ma nindaħlilhiex wisq. *(wara ftit lill-Kaptan)* Inti tafha sewwa lil Sonja?

**De Vere:**

Nafha ngħid.

**Ġeneral:**

*(joħroġ mill-kamra tas-Sinjura Klotilde.)* Min ġie? Min hawn jitkellem?

*(Oliver iqum malajr, jaqfel il-ġakketta, joqgħod iebes u isellem b'idu fuq ġbinu bħas-suldati.)*

**Oliver:**

Hawn jien, Ġeneral. Ġejt nirrapporta ruħi qawwi u sħiħ.

*(Ġeneral jieqaf mistagħġeb, imbagħad imur jieħu b'id ibnu u jrossu miegħu. Is-seftura tidħol fil-kamra tas-Sinjura Klotilde.)*

**Ġeneral:**

Oliver! Oliver intix ta' jeb u qawwi u sħiħ. Dan kif ġejt hekk malajr? X'ferħa tajtna għal għarrieda.

**Oliver:**

Papà, ċabt biex flok li nibqa' fl-isptar ħalli nissaħħaħ wara li ġont mis-sodda, niġi nistrieħ u nieħu saħħti hawn.

**Ġeneral:**

Għamilt sewwa; għamilt sewwa.

**Oliver:**

Iz-zija Klotilde u oħti Sonja fejn huma?

**Ġeneral:**

Iz-zija Klotilde għadha kif ħassha ħażin u daħħalnieha ġewwa. Sonja qiegħda ddur biha.

**Oliver:**

Xi ġralha?

**Ġeneral:**

Attakk tal-qalb. Issa qiegħed igħaddilha u tħoss ruħha tistejqer, imma ftit ilu beżżgħetna hekk li bgħatna għat-tabib. Intant, oqgħod bil-qiegħda għax għandek ħafna xi tgħidli: nibdew biex tgħarrafni kif kont korrejt.

**Oliver:**

*(joqgħod bil-qiegħda)* Jiena anqas naf sewwa kif kienet il-biċċa; naf biss li kont mal-kumpanija ta' quddiem nett, kellna ordni sħiħa li nieqfu lill-għadu, imma huwa dawwarna u f'daqqa waħda fetaħ nirien tal-waħx għal fuqna u ħarbatna; sħabna ta' wara, li kienu mmexxijin minn xi fizzjali bla ħila, dabbru rashom u telqu jiġru lura. Jiena u sħabi li nzertajna quddiem nett, sibna ruħna maqtugħin għalina u f'radda ta' salib waqajna mil-qutin mill-balal tal-għadu; li ma kienx wieħed Fizzjal Tabib li

## IT-TIELET ATT

*Sala fid-dar tal-Ġeneral, minn naħa waħda bieb li jagħti għall-kamra ta' Klotilde, oħt il-Ġeneral, min-naħa l-oħra bieb li jieħu għall-kmamar in-naħa ta' barra.*

*Il-Ġeneral imbergħen u mbaqbaq, idur mas-sala b'saħna kbira fuqu. Klotilde bil-qiegħda fuq pultruna. Sonja bil-qiegħda fuq siġġu ħdejn mejda żgħira.*

**Ġeneral:**

*(jieqaf quddiem Sonja, iħabbat siequ ma' l-art u jgħidilha)* Jeħtieġlek tisma' minni.

**Sonja:**

Papà, mhux għax irrid nikser kelmtek, imma lill-Kaptan De Vere ma nistax inħobbu.

**Ġeneral:**

Kif tista' tgħid dan jekk għadek ma ltqajtx miegħu? Dalwaqt jasal hawn u mbagħad tara x'Fizzjal hu, igħaxxaq in-nies.

**Klotilde:**

*(lil Sonja)* Ara li meta jiġi hawn ma tonqsu f'xejn.

**Sonja:**

*(bis-saħna)* Imma jiena ma rridx narah lill-Kaptan De Vere, ma rridx niltaqa' miegħu.

**Ġeneral:**

Jien stedint lil De Vere f'dari biex jiltaqa' miegħek; ara li ma toħroġnix ta' tfal.

**Sonja:**

Papà, iġġagħalnix ingib ruħi ħażin. Inti taf li ma nistax għalih lill-Kaptan.

**Klotilde:**

Mhux ma tistax għall-Kaptan, iżda tinsab mogħmija wara dak ix-xifajk ta' Tabib li ħadlek moħħok u tiliflek dehnek.

**Sonja:**

Zija Klotilde, nixtieqek ma ssemmix lit-Tabib Stanley.

**Klotilde:**

Għax ma tridnix insemmih? Jaqaw tistħi?

**Sonja:**

*(mbergħna)* Ma nixtiqekx issemmi t-Tabib Stanley għax inti għandek ilsienek ħażin wisq.

**Klotilde:**

*(tieħu għaliha)* Jiena għandi lsieni ħażin! *(lill-Ġeneral)* Ġeneral qiegħed tismagħha żżeblaħni, hux? Dan qiegħda tagħmlu biex tkiddni u tqeqridni.

**Sonja:**

*(b'ex tberred lil żitha)* Żija Klotilde, kemm qiegħda teħodha bi kbira?

**Klotilde:**

Mela ma neħodhiex bi kbira! Wara li rabbejtek jien, għax li ma kontx jien wara l-mewt t'ommok kieku min jaf x'sar minnek, għandek iġġib ruħek hekk ħażin miegħi?

**Sonja:**

Mhux għax ridt inġib ruħi ħażin, imma inti weġġajtli qalbi b'ilsienek.

**Klotilde:**

*(tishon dejjem)* Dan li jonqos issa, iġġagħalna nitboq fommi u ma nitkellimx! Hux ma tridx tisma' kliemi? Arani sejra nwarrab ħalli nħallikom fil-wisa'.

*(Klotilde tagħti salt biex tqum, iżda targa' taqa' fuq il-pultruna b'nifisha maqtugħ.)*

*(Sonja u l-Ġeneral jersqu malajr ħdejn Klotilde.)*

**Sonja:**

Xi ġralek, zi? Ħassek ħażin?

**Klotilde:**

*(b'leħen mitfi, turi b'idha fuq qalbha)* Qabadni uġigħ kbir hawn; qiegħda nara s-sala ddur bija.

**Sonja:**

*(tħaddan magħha lil Klotilde)* Tridx timtedd, zi?

**Ġeneral:**

Ejja ngħinek tidħol fil-kamra tiegħek.

**Klotilde:**

*(tilheġ)* Qiegħed iżommli n-nifs; aħjar tibagħtu għat-Tabib.

**Ġeneral:**

*(imur ħdejn il-bieb tal-ġenb isejjaħ)* Rikardu! Rikardu!

**Rikardu:**

Hawn sinjur *(jilmaħ lis-sinjura Kotilde)* X'ġara?

**Ġeneral:**

Is-Sinjura Klotilde ħassha ħażin. Mur ġib tabib malajr.

**Rikardu:**

Arani sejjer.

*(Rikardu joħroġ jiġri.)*

*(Sonja tixxotta bil-maktur moħħ is-Sinjura Klotilde.)*

*(Il-Ġeneral idur mas-sala mifxul.)*

**Sonja:**

Żija, tridx ngħinuk tidħol timtedd fis-sodda tiegħek?

**Klotilde:**

*(bil-lehġa)* Aħjar.

*(Sonja u l-Ġeneral jaqbdu lis-sinjura Klotilde minn taħt abtejha, igħinuha tqum u jmexxuha bil-mod lejn il-bieb li jagħti għall-kamra tagħha.—It-tlieta jidħlu ġewwa.)*

*(Wara ftit tidħol seftura mill-bieb tal-ġenb li jagħti għall-kmamar ta' barra.)*

**Seftura:**

Għaddi Sur Oliver, għaddi; merħba bik! Kemm se jifirħu l-papà, iz-zija u s-sinjurina oħtok meta jarawk fosthom għal għarrieda. Idħol ħdejhom *(twriħ il-bieb tal-ġenb li jagħti għall-kamra tas-sinjura Klotilde.)*

**Oliver:**

Xtaqt nagħtihom ferħa bla ħsieb. Ara kif nagħmlu: inti mur għidilhom li ġie wieħed irid jarahom malajr u jien nibqa' hawn biex malli joħorġu jaraw min ġie, isibuni ma' wiċċhom.

**Seftura:**

Dejjem hekk nafek, sur Oliver, tħobb tinbex.

*(Oliver ineħħi l-beritta ta' suldat minn rasu u jwaddabha fuq mejda fil-qrib, imbagħad jiftaħ il-ġakketta u jmur jinxteħet fuq is-sufan, jieħu nifs qawwi, jitmattar u jistrieħ.)*

**Oliver:**

Strieħ, ja ġisem! għax ilek ma titmattar fuq sufan artab bħal dan.

**Seftura:**

Nistħajlek għajjien, sinjur.

**Oliver:**

Għax suldat ikollu jħaddem saqajh.

**Seftura:**

U inti, sur Oliver, kif bqajt suldat? Il-lum ma tarax ħlief stilel fuq l-ispallejn.

**Oliver:**

Issa nisimgħu xi jgħid il-papà meta jarani li bqajt suldat kif kont meta dħalt fil-militar. Anqas tgħid għandi penz wieħed fuq dirgħajja.

**Seftura:**

L-aqwa li rġajna rajniek qawwi u sħiħ.

**Oliver:**

Wara dak li għaddejt minnu kelli xorti kbira narġa' nara din id-dar. Aħjar ġejt fuq saqajja bħala suldat milli kieku ġibuni bħala kapural immankat għal għomri.

**Ġeneral:**

Qatt kellimtha?

**De Vere:**

Qabel il-gwerra ġie li ltqajna fiż-żfin jew f'xi kunċert.

**Sur Tumas:**

*(bid-daħka)* Milli nara, Kaptan, ilek għal Sonja.

*(Jersaq waiter b'gabarrè bi tliet tazzi tal-whisky u flixkun tas-seltz; iqiegħed kollox fuq mejda baxxa quddiem it-tlett iħbieb, isellem u jitlaq.)*

**Sur Tumas:**

*(wara li jaqbad tazza u jżid is-seltz)*. Nixorbu bis-saħħa tal-għarajjes.

**Ġeneral:**

Dejjem tiċċajta inti, Sur Tumas.

**De Vere u Ġeneral:**

Bis-saħħa! *(it-tlieta jixorbu)*.

**Sur Tumas:**

*(wara li jqiegħed it-tazza fuq il-gabarrè)* Ġeneral, il-Kaptan De Vere jixtieq jiltaqa' ma' Sonja; ma tistedinniex xi darba fid-dar tiegħek?

**Ġeneral:**

Bil-qalb kollha; tridux tiġu għada?

**Sur Tumas u De Vere:**

Niġu. Niġu.

**Ġeneral:**

Mela nistenniekom għal xi l-għaxra ta' fil-għodu. Inti tkun tista' tiġi dak il-ħin, Kaptan?

**De Vere:**

Iva, inkun nista' niġi.

**Sur Tumas:**

Ukoll li ma kienx jista' l-Kaptan jara kif jagħmel u jaħrab ħarba biex jiltaqa' mal-maħbuba ta' qalbu!

**De Vere:**

*(iċempel il-qanpiena)* Issa nitlobkom tixorbu xi ħaġa miegħi.

**Sur Tumas:**

*(lill-Kaptan, biex jiċċajta)* Kaptan, jaqbillek iżżiegħel bil-Ġeneral għax il-kelma tiegħu tiswielek ħafna mal-ħanina.

*(Jersaq il-waiter, jordnaw ix-xorb.)*

Jinżel is-siparju.

ssogra ħajtu biex ġabarna u karkarna lejn il-linja tagħna kieku konna nibqgħu mixħutin fl-art sakemm nitilfu demmna u ruħna toħroġ. Imma issa ħallina minn dan. Imxai naraw iz-zija Klotilde kif għaddiet.

*(Il-Ġeneral u Oliver iqumu u jersqu lejn il-bieb li jagħti għall-kamra tas-Sinjura Klotilde. Oliver jidħol l-ewwel wieħed, iżda malli l-Ġeneral ikun se jidħol hu wkoll, jaslu Rikardu u t-Tabib Stanley.)*

**Rikardu:**

(Għaddi Dott, idħol. Ħalli ngħidilhom li ġejt *(jilmaħ lill-Ġeneral)* Sur Ġeneral, it-Tabib hawn.

*(Il-Ġeneral malli jisma' lil Rikardu, jieqaf u jibqa' fil-bieb tal-kamra tas-Sinjura Klotilde, imbagħad jilmaħ it-Tabib Stanley, wiċċu jitbergħen u jinħasad.)*

**Ġeneral:**

Dan kif dħalt hawn, Dottor Stanley?

**Stanley:**

Kont imsejjaħ biex nagħti għajnuna lil xi ħadd li ħassu ħażin.

**Ġeneral:**

*(imqit)* Ma għandniex bżonnok. *(Lil Rikardu)* U int, ja baħnan! għax ma mortx għat-Tabib tagħna?

**Rikardu:**

Ġibt l-ewwel tabib li sibt; mhux inti għidtli biex inġib tabib malajr għax ħassha ħażin is-Sinjura Klotilde?

**Ġeneral:**

*(imbergħen u mbaqbaq)* Din konfoffa tagħkom it-tnejn biex Dottor Stanley jidħol hawn.

**Stanley:**

Sur Ġeneral, ma nistenniex minnek kliem bħal dan. Raġel bħalek imissek taf kif għandek tilqa' tabib f'darek.

**Ġeneral:**

*(miksur)* Issa s-Sinjura Klotilde għaddiet għall-aħjar; ma għandhiex bżonn ta' tabib. Tista' tmur Dottor Stanley.

**Oliver:**

*(joħroġ mill-kamra)* X'inqala', papà?

*(Oliver jilmaħ lil Dottor Stanley u jibqa' għal ftit mistagħġeb iħares lejh; imbagħad f'daqqa waħda jmur għal fuqu, jeħodlu b'idu u jibda jifraħ bih.)*

Dottor Stanley, merħba bik! Kaptan Stanley dan kif ix

xorti laqqgħetna hawn? Fejn qatt kont nobsor li sa nsibek hawn. Mela inti ħabib tal-papà?

**Stanley:**

Kont imsejjaħ malajr biex nara s-Sinjura Klotilde.

**Oliver:**

Dik issa għaddielha kollox, imma inti ibqa' ftit hawn magħna ħalli nifirħu b'xulxin.

*(Oliver jaqbad lit-Tabib minn idu u jressqu lejn il-Ġeneral)* Papà, dan hu t-tabib li ssogra ħajtu biex ħelisni mill-mewt.

**Ġeneral:**

*(mifxul u jlaqlaq)* Nizzik ħajr, tabib, talli għamilt ma' ibni.

**Rikardu:**

*(Jitkellem minn taħt ilsien fil-waqt li joħroġ il barra)* Issa qiegħed jiżżih ħajr lit-Tabib; ftit iżu ried jibagħtu 'l barra.

**Oliver:**

*(jersaq lejn il-bieb tal-kamra tas-Sinjura Klotilde)* Sonja! Sonja! ejja ltaqa' mas-salvatur tiegħi.

**Ġeneral:**

Ħallieha 'l Sonja tibqa' ddur maz-zija.

*(Sonja toħroġ mill-kamra biex tara min ġie, malli tilmaħ it-Tabib Stanley wiċċha jiħmar, tinfixel u tieqaf fejn tkun.)*

**Oliver:**

Ersaq, Sonja, ifraħ lit-Tabib Stanley. Li ma kienx hu kieku inti l-lum liebsa l-iswed għalija. *(Oliver jaqbad lil oħtu minn idha u jressaqha lejn it-Tabib)* Ersaq, Sonja, x'inti tistħi, donnok qatt ma kellimt raġel.

**Sonja:**

*(minn taħt ilsien)* Robert.

**Oliver:**

Mela taf x'jismu?

**Klotilde:**

*(toħroġ musfara u żżomm mal-koxxa tal-bieb.)* X'inqala' dan il-għagħa kollu? *(tilmaħ it-Tabib u tistagħġeb meta tarah)* Dottor Stanley, dan kif tinsab hawn?

**Oliver:**

Robert! Dottor Stanley! Mela tafuh sewwa lit-Tabib Stanley?

**Rikardu:**

*(Rikardu jidħol mill-bieb li jagħti għall-kmamar ta' barra)*

Sur Ġeneral ġew żewġ sinjuri jistaqsu għalik: is-Sur Tumas u l-Kaptan De Vere.

**Ġeneral:**

*(imħawwad u mifxul)* Għidilhom jistennew! *(is-seftur idur biex imur)* Stenna! *(Il-Ġeneral iħares lejn is-Sinjura Klotilde.)* Għidilhom igħaddu. *(lis-seftur)* Mur għidilhom jidħlu hawn.

**Oliver:**

*(mistagħġeb)* Kaptan De Vere! Int tafu lill-Kaptan De Vere, papà?

**Ġeneral:**

Ħabib tagħna tal-qalb, għadu kemm jasal minn fuq il-front bħalek. Issa jixtieq jitħallat magħna.

**Oliver:**

*(bid-deħxa)* Jitħallat magħna!

*(Oliver iħares lejn oħtu b'wiċċu mqarras. Sonja tħares lejn Dottor Stanley b'għajnejha miksurin.)*

**Sonja:**

Jiena qatt ma kellimtu lil dan il-Kaptan De Vere.

**Klotilde:**

*(tħares biċ-ċiera lejn it-Tabib Stanley)* Sonja għadha moħħ ir-riħ, ma tafx tagħżel dak li hu l-aħjar għaliha.

*(Il-Ġeneral igħin lis-Sinjura Klotilde tmur toqgħod bil-qiegħda fuq is-sufan.)*

**Klotilde:**

*(tgerger wċhedha)* De Vere waħda mill-familji l-aktar nobbli, nies li jafhom kulħadd.

*(Is-SUR TUMAS u l-KAPTAN DE VERE jidħlu bi tbissima fuq fommhom. Rikardu jidħol b'wiċċu mqarras.)*

**Sur Tumas:**

Hawn aħna. Sur Ġeneral; ġejniekx fil-ħin? Il-Kaptan De Vere kellu seba' mitt sena biex jiġi. Eh! fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn!

*(Il-Kaptan De Vere jintlewa biex isellem.)*

**De Vere:**

Ġeneral inħossni ferħan għall-aħħar b'din l-ewwel żjara li għoġbok tistedinni nagħmillek.

**Klotilde:**

Nittamaw li ma tkunx l-aħħar.

**De Vere:**

*(bi ħlewwa żejda)* Sinjura, it-tama tiegħek ix-xewqa tiegħi.

*(De Vere f'daqqa waħda jilmaħ lil Oliver u minnufih jinfiċel u jinkiser. Oliver jersaq bil-herra lejn il-Kaptan De Vere.)*

**Oliver:**

Kaptan De Vere, għandek il-wiċċ tidħol f'din id-dar? Għandek il-wiċċ turi ruħek quddiem in-nies?!

**Stanley:**

(*jersaq hu wkoll quddiem il-Kaptan*) Kaptan De Vere hawn mhux qagħdek.

**General:**

(*miblugħ, lil Oliver*) Dan xi kliem hu, Oliver? (*lil Dottor Stanley*) Tabib, min tak il-jedd iżżeblaħ il-ħbieb tiegħi ġewwa dari?

**Oliver:**

(*jisħon*) De Vere ħabib tiegħek, papà? De Vere bniedem bla ġieħ u fizzjal bla ħila. Hu kien wieħed minn dawk li ħarbu millgħadu u ħallew lili u 'l sħabi midrubin fl-art; li ma kienx it-Tabib Stanley konna nibqgħu hemm sakemm toħroġ ruħna.

**Sonja:**

(*b'għaġeb kbir fuqha*) X'waħdadin! X'qiegħda nisma'!

**General:**

(*imbergħen*) Haqq in-nar tal-kanuni! Dan minnu?

**Klotilde:**

(*imħawda*) Ma ħadtux xi żball, hux?

**Sur Tumas:**

(*miksur*) Ma smajt xejn fuq dan.

**Rikardu:**

(*minn taħt ilsien*) Ix-xjafek dan in-nobbli kemm jibża' għal ġildu!

(*Is-seftura tidħol tgħaġġel.*)

**Seftura:**

Sur Ġeneral, hawn Fizzjal u żewġ surġenti ma nafx x'iridu.

**Rikardu:**

(*jitkellem waħdu*) Issa x'inqala'?

**General:**

(*wara li joqgħod jaħsibha ftit*) Għidilhom igħaddu hawn ħalli naraw x'iridu.

**De Vere:**

(*mifxul u beżgħan*) Sur Ġeneral, nitolbok tagħdirni, imma jkolli nitlaq malajr, għax qiegħed niftakar li bħalissa jeħtieġli nkun xi mkien ieħor.

**Klotilde:**

Għadek kemm tasal, trid tmur?

**Sur Tumas:**

Dan x'tak hekk malajr! Daqskemm kellek ħrara kbira biex tiġi, ħsibt li ma nkunx nista' naqalgħek minn hawn.

**De Vere:**

L-lum ngħaġġel ħafna. niltaqgħu darb'oħra.

*(De Vere jitlaq bie-r joħroġ, iżda malli jasal ħdejn il-bieb li jagħti għall-kmamar ta' barra, isib ma' wiċċu l-Fizzjal u ż-żewġ surġenti li jwaqqfuh u jżommuh.)*

*(Il-FIZZJAL isellem bħall-militari.)*

**Fizzjal:**

Sur Ġeneral, agħdirni jekk ġejtek ħin ħażin, imma għarrfuni li l-Kaptan De Vere jinsab hawn u kelli niġi nfittxu malajr. *(lill-Kaptan De Vere)* Ejja magħna!

**Ġeneral:**

*(lill-Fizzjal)* Stenna, stenna! Dan x'jiġifieri tordna lill-Kaptan De Vere jiġi miegħek?

**Fizzjal:**

Għax hekk jeħtieġ.

**Ġeneral:**

X'jiġifieri?

**Fizzjal:**

Għandi l-ordni li nigbor lill-Kaptan De Vere u nżommu ġewwa sakemm igħaddi Qorti Marzjali.

**Ilkoll:**

*(mistagħġbin u miblugħin)* Qorti Marzjali!!

**Oliver:**

*(wara li jgħaddi ftit tal-ħin)* Talli ġieb ruħu ħażin u wera nuqqas ta' ħila fuq il-front.

**Ġeneral:**

*(lill-Fizzjal)* Tassew?

**Fizzjal:**

Hekk hu.

*(Jidħlu l-Imħallef u l-Kurunell.)*

**Imħallef:**

Wasalna fil-ħin.

**Kurunell:**

Sur Ġeneral, xtaqna nkellmuk fuq il-Kaptan De Vere li, smajna, irid jitgħarras fil bintek.

**Ġeneral:**

Kolox naf. Issa qiegħed nara għaliex ilbieraħ ridt tiftaħli għajnejja, Sur Imħallef.

**Klotilde:**
N'għajb għall-familja De Vere.
**Sur Tumas:**
Xi dnub, żagħżugħ bħal dak bla ħila!
**Ġeneral:**
Kaptan De Vere għodd ruħek li qisek ma tafnix aktar.

*(Il-Kaptan De Vere, rasu mgħaddsa, miksur u mistħi, joħroġ mal-Fizzjal u ż-żewġ surġenti.)*
*(Għal ftit tal-ħin kulħadd jibqa' sieket u ħosbien.)*
**Ġeneral:**
*(jitkellem waħdu)* Mur obsor għalih, tifel bħal dak.
**Imħallef:**
Tara, Sur Ġeneral, kif mhux in-nobbli biss huma rġiel u tal-ġieħ.
**Kurunell:**
Nies bla ħila ma nistax għalihom, qatt ma stajt inġerragħhom.
**Stanley:**
Sinjura Klotilde, issa m'intix ħażin; ma hemmx għalfejn noqgħod iżjed.
*(Dottor Stanley isellem biex jitlaq.)*
**Imħallef:**
Fejn sejjer, Dottor Stanley? Ma nagħmlux li lilek ukoll qiegħda tonqsok il-ħila!?
**Ġeneral:**
Dottor Stanley, għaliex sejjer hekk malajr? Issa ibqa' ftit magħna. Ma tarax Sonja kemm tixtieqek toqgħod!
**Klotilde:**
Ibda ejja kuljum biex teżaminali qalbi.
**Oliver:**
U biex tħeġġeġ qalb Sonja!
**Sur Tumas:**
Sonja taf tagħżilhom!
**Rikardu:**
*(waħdu u minn taħt ilsien)* U mela ma tafx!
*(Sonja u Dottor Stanley jersqu lejn xulxin u jieħdu id b'id.)*

Jinżel is-siparju.

TMIEM

# HELSIEN

*Ta'* Patri W. Born, O.P., C.F.

*"Lil Dun Karm, missier il-poeżija Maltija, li bħala poeta, wisq aktar minn ħaddieħor, jagħraf il-ħtieġa tal-ħelsien."*

Jaf kulħadd xinhu mhux għaliex kisbu
Jew lemhu f'xi maħluq li, mhenni bih,
Sab ghors il-ħajja ;
Jaf kulħadd xinhu miċ-ċaħda tiegħu,
X'ħin il-qalb tridu bla ma ssibu,
Tixtiequ b'ħerqa.
Kif qisu berqa,
Iżiġġ quddiemha u ma taħfnux.
Helsien !
Kemm hu sabiħ !
Dejjem għalih
Issieltu l-ġnus u ċarċru d-demm,
Miż-żmien
Ta' l-iżbandoli san-nirien.
Nies kbar ulied id-deh'n u l-ħila
Imfakkra, il-lum, bl-irħam u l-bronż,
Jew minsijin,
Għexu għomorhom fit-tħambiq u l-kitba
Fil-għaks u l-hemm,
U għerqu d-demm
Biex jirbaħ il-ħelsien li qatt ma daqu ;
Niżlu f'qabarhom b'xewqa u tama
Li dak li żergħu għal uliedhom
Jinbet fiż-żmien, u kull ħawwama
Isseħħ, x'ħin il-ħelsien jitwieled
Biex ma jmut qatt.
Hadmu għalxejn u tqarrqu,
Żmienhom tilfuh fil-ħolm,
Xogħ'lhom ixxejjen bħal għadamhom
Fil-qabar niedi.
Helsien !
Id-dinja ma tafx bih u lanqas tridu
Għax qalbha żonqra.

Bħala rah'n ta' l-aqwa ħena
F'dinja oħra fejn m'hemmx tmiem u qerq,
Ried il-Ħallieq jagħti lill-bniedem l-aqwa ħaġa
Meta telaqlu rajh f'idejh
U żejnu bil-ħelsien.
Għal'kemm il-bniedem igħid li jrid il-ħajja
Ħielsa, temmnux għax kollox qlajja'' :
Huma l-bnedmin li jgħabbu l-madmad
Fuq kitfejn għajrhom mingħajr ħniena
Mimlijin ħjiena
Ikasbru l-jeddijiet ta' ħuthom, x'ħin għal tagħhom
Dejjem jingħu.
Helsien !
Tfittxuhx qalb il-bnedmin ;
Kollox bluha,
Kollox frugħa
Li taħlu fluskom, żmienkom, demmkom

* * *

Toħolmu b'saltna
Mejta f'ġuf ommha.
Helsien !
Jien xtaqtu għax poëta
Bin il-ħolm u x-xewqat għolja.
Xtaqtu fija, f'arti, f'niesi,
Qatt ma qtajt jiesi,
U dejjem ħdimt, imqar jekk inħqart jiena,
Biex nilmaħ qlub għajjiena
Jitbissmu mistreħin fis-sliem ta' jeddijiet
Magħrufa dejjem u meqjuma.
Jien imma qatt ma sibt ħelsien.
Marbut minn kullimkien inħoss b'inkejja
Li kull ma tâni Alla
Biex ngħożż daqs dawl għajnejja,
Iridu jċaħħduhuli l-maħluqin.
Wild art wisq ċkejkna fil-għajnejn tal-ġnus,
(Għalija kbira, wisq akbar mill-oħrajn)
Imħabba f'daqsha kellha dejjem
Tgħix fil-ħakma ta' min l-aqwa jedd
Lemaħ fil-qawwa ;
B'għafsa ta' qalb rajtha mmexxija

Bħal tifla m'nn idha
(Taparsi għal ġidha)
Mhux kif xerqilha.
Helsien!
Lanqas l-ilsien
Li nħobb u ngħożż, ma sab, għax fost l-egħdewwa
Li jridu jeqerduh, hemm minn ta' ġewwa;
Ilsien qaddis li, naħseb, bih jitkellmu l-Ġenna
Meqjus bla benna,
Għax ma jimliex il-ħluq bil-ħobż
U l-bwiet bid-deh'b.
Helsien!
Moħħi ma sabx, għax meta tħajjar
Li jlissen dak li ħaseb
Kellu jitqanna u l-ħsieb itajjar
Biex ma jaqax fil-qilla
Tas-sarima.
Helsien
Lil qalbi mċaħħad minn kull naħa;
Imħabbiet safja għalxejn twieldu fija
għax dinja ħajna
Li merħba tâti lill-mibegħda,
Ma lemħetx fihom ħlief id-dnub u t-tebgħa.
Għax qieset b'qiesha.
M'iniex għaġġieb, q'ed ngħid is-sew: il-ħelsien gidba
Fost il-bnedmin li ta' kull jum jaħilfu bih.
Jien ma sibtux,
Sibt biss tnassis u għawi ta' xellejja,
Għajnejn jikluni b'ħarsthom kull fejn ngħaddi;
Widnejn miftuħa biex jaqbduni
F'xi kelma żejda.
Għamili dejjem mifli ħaġa b'ħaġa.
Donnu l-jedd tal-ħaqq mhux tal-Hallieq.
Nies li qatt ma fittixtilhom l-għomma tagħhom
Medhijin bija,
Sew minn jeddhom, sew għax mixtrija.
Jien ngħid għalija,
Hajti mormija
F'idejn il-flien.
U dan ħelsien???

* * *

Għax jien poëta, b'dan kollu nittama
Li jum iżernaq ta' hena u mistrieħ;
Bogħ'd mill-kefrija ta' dinja għajjura
Insib fil-warrba kull sliem li ħlomt bih.

Dak li ċaħħadli t-tiblit meta enmintu
Għad nista' nsibu fil-ħemda u l-kenn,
Qalb il-widien u l-imsaġar u l-iġbla
Fejn m'hemmx il-għira, l-inkejja u l-ġenn.

Rifsa ta' bniedem hemmhekk qatt ma tkasbar,
Alla biss waħdu, Hallieq il-ħelsien,
Iġbla mgħottija bil-firxa silġija,
Ward u għasafar u x-xmajjar u jien.

Qalb il-poëta kemm tifraħ u tgħanni
Tgħallem 'l-għasafar u tfaħħar il-ġmiel
Ta' l-iġbla mmewġa li jroddu dik l-għanja
Tfakkar li ħieles mir-rbit ta' kull xkiel.

Min qatt jindaħal fi lbiesi, fi kiemi?
Min qalbi jrażżan jew jorbotli l-ħsieb?
L-ebda seksieka ma jobżqu s-semm tagħhom,
Hieles mill-qlajja' u għajdud il-giddieb.

Helsien!
Kemm hu sabiħ!
Hieles minn kulħadd u kollox,
Hekk ħlomtha ħajti.
Hieles mit-tkasbir wild l-għira
U mit-tifħir għaġġieb, qarrieqi,
Li jsir tmaqdir kif wiċċi ndawwar
U nitbiegħed.
Hieles mid-dehriet ta' biki u għawġ
Li jżuru 'l-ġar,
U għaliex qalbi qatt ma setgħet tagħlaq bwiebha
F'wiċċ id-diqa
Kif nixtieqha,
Jaqgħu fuq dahri.
Hieles mit-tnassis u l-għajdud żejjed
Mis-sefsif u l-għira,
Mill-ilsna u mill-għajnej'
U fuq kollox
Mis-seksik tal-Fariżej.

Ħelsien!
Ħalluni nagħlaq għajnejja u naħseb fih
U tħallunix niftaħhom qabel
Wara li nkun inżilt fil-qabar
Fil-ħemda u fil-mistrieħ.
Ħieles... Ħieles... Ħieles...
Nibqa' tiela' f'sema ta' dawl
Wiċċ imbwiċċ m'Alla
Sid il-ħelsien.

---

# "NONNY"

*Ta'* G. Cassar Pullicino

XI drabi n-"Nonny" (kif kienu jsibuh sħabu) kien iħoss qalbu tingħafas u ma jridx jaf b'nies. Il-ħajja li kien fiha xebbgħetu għall-aħħar. Kemm iddum tidħol id-dar biex issib 'l ommok dejjem fis-sakra, meta ma tkeċċikx 'il barra u titfagħlek li jkollha f'idha għal rasek?! Ħadd ma kien iġibu f'dilħajja; kulħadd għadu tiegħu: il-pulizija, il-Qorti. Kollha kienu kontra tiegħu u hu, min-naħa tiegħu, ma kien jaħmel 'il ħadd minnhom...

F'daqsxejn ta' tieqa li tagħti għal triq dejqa, Nonny kien qiegħed iħares — ħosbien. Kull roqgħa ta' dik it-triq kellha għalih ġrajja li b'xejn ma titħassar. Fit-tlittax-il sena li kellu kollox baqa' kif kien hawnhekk! Xi nies mietu, oħrajn twieldu u ż-żgħar kibru — dan kollu; il-bqija ma nbidel xejn. Il-ħwejjeġ baqgħu jintaxru fuq il-ħbula, fit-triq; in-nisa jgħannu waqt li jaħslu, bħas-soltu; l-ommijiet baqgħu jsajru u jgħallu l-ħwejjeġ fuq il-kwiener barra t-triq u t-tfal jilagħbu l-ballun u l-boċċi bħal ta' qabilhom. Il-gaġeġ tal-għasafar għadhom jiddendlu fil-gallarijiet u l-qsari fil-ħoġor tat-twieqi — bħal dari... L-art baqgħet li kienet — ftit u xejn maħmuġa; 'l hawn u 'l hinn inqalgħet xi ċangatura li baqgħet ma tqegħditx u xi katusa tax-

xita kissruha t-tfal u l-ilma issa jinżel fit-triq u jagħmel għadira kbira quddiem il-bibien... Dejjem hekk jafha t-triq! Darba kull jum, fil-għodu, igħaddi l-kennies bil-karretta, jiġbor li jkun hemm fil-bramel u l-kaxex wara l-bibien, jibqa' sejjer u ma jerġax igħaddi qabel l-għada fil-għodu. Il-bibien tad-djar għal-hom suwed (għax ilhom is-snin ma jinżebgħu) u t-twieqi min-għajr ħġieġ — għax xi darba kienu nkisru... F'din it-triq kont tintebaħ li għadda ż-żmien mingħajr ma ħalla bosta taqlib!

Mill-ħoġor ta' dik it-tieqa ċkejkna kont tistħajjel li n-Nonny qed iħares lura, lejn l-imgħoddi... Minn dejjem jiftakarhom joqogħdu hemm — hu u ommu (missieru kien ilu msiefer is-snin). Minn kmieni ommu telqitu jagħmel li jrid; jiġri barra mat-tfal; skola ftit li xejn mar, u dutrina wisq inqas. Ommu ma kenitx tkun dejjem id-dar; war nofs in-nhar kienet tmur fil-ħwienet, u tixrob u tiġi d-dar f'sakra ma tarax art. U Nonny kien dara jgħix barra iktar mid-dar; beda jmur ibigħ il-pastizzi u l-qassatat fejn jieqfu l-karozzi, jew il-lapsijiet u l-gomom lil-baħrin li jkunu għadhom kemm niżlu minn abbord. Għamel ħabta jiġbor il-flus mal-karozzi tal-linja, fis-sajf ġie li ħareġ ibigħ il-ġilati... u għad għandu r-ritratti ta' dak iż-żmien, li kien ħa għand wieħed tat-triq li jagħtik ir-ritratt malajr malajr... Maż-żmien qabad it-tipjip u l-leblieba għas-sigarretti bdiet tikber miegħu, ma' kull xahar li jgħaddi minn fuqu. La jsib il-flus fil-but, beda jidħol it-Talkies ma' sħabu; ma kienx jitlef "film" wieħed li jkun fih ġlied, jew serq, jew qtil. X'jiswa li jkun hemm tabella li t-tfal ma jistgħux jidħlu? Tal-biljetti basta tagħtih il-flus! U l-Pulizija ma jkunux fil-bieb għassa... U kulma jara jixorbu; tgħallem kemm-il lezzjoni kif jidħak bil-Pulizija u dan l-aħħar, meta t-tfal tat-triq ngħaqdu biex jisirqu (taparsi "gangsters") lilu għażluh bħala kap tagħhom. Kien fihom ċorma tfal tal-biża'; bħiena daqs il-mmiegħel, ma jaqtgħu qalb-hom minn xejn u ma jibżgħu minn ħadd. Għamlu kemm-il serqa bla ma nqabdu, imma l-Pulizija dan l-aħħar kellha xi xamma u bdiet tixħet għajnejha fuqhom. Kultant kienu jaħsbu ħażin f'xi ħadd minnhom, jaqbduh, iraqqduh ġoċ-ċella u jerġgħu jibagħtuh. Imma għalxejn; bdew jaħdmu aktar bil-moħbi u webbsu rashom iżjed. Gwerra għall-mewt kienet inħalfet bejn dawn iż-żewġ xorta ta' nies: l-irġiel tal-Ħaqq u t-tfal tal-Ħażen.

In-Nonny għalaq it-tieqa, libes il-ġlekk u ħareġ. Daħal

ieħu kafè f'ħanut — u baqa' miexi waħdu qalb in-nies, l-irġiel, in-nisa u t-tfal. Kienu tfal ta' mpar miegħu, imma mhux bħalu. Laħamhom qatt ma jkun imbenġel bid-daqqiet. In-Nonny qiegħed idejh taħt għajnu l-leminija li kienet kaħla u minfuħa; il-bieraħ kien iġġieled ma' wieħed sieħbu tat-triq li ried jilħaq kap flok in-Nonny. Kien ilu ttikat miegħu u qabel sikktu n-Nonny laħaq laqqat xi daqqtejn ta' ponn taħt għajnu... B'idejh mitfugħa ġol-bwiet, xejn ma beda jisma' minn dawk il-ħsejjes kollha ta' karozzi u l-ġeġwiġija ta' nies miġburin fuq il-bankina jew fil-ħwienet. Kollox kien sieket ħdejn it-tħabbit ta' qalbu żagħżugħa. Li kieku, jaħasra, jitlaq u jmur xi mkien ieħor! Barra minn Malta dejjem aħjar mid-djieq u d-dlam tat-triq tiegħu!... Darba kien ftiehem mal-kok ta' vapur Amerikan, inħeba fl-istiva, imma nqabad fl-aħħar minuta. Jiftakar, kien beda jibki, mhux għax qabduh, imma għax ma setax iwettaq il-ħsieb tiegħu li jaħrab... Kulma beda jġib quddiem għajnejh minn ħajtu l-imgħoddija ma sewiex ħlief biex inissel fih tifkiriet li xeħtu dell iswed fuq ħajtu...!

Bla ma ntebaħ b'xejn, żewġt irġiel kienu mexjin wara n-Nonny. Kienu twal, mibrumin, mibnija b'saffejn; kellhom ħarsithom imqita u mixjithom siekta u ħafifa. Kienu nqalgħu minn ġor-rassa tan-nies u rħewlha għal warajh, wieħed fuq il-bankina tax-xellug u l-ieħor fuq tal-lemin. Ma setax in-Nonny jobsor wisq għalfejn kienu qed ifittxulu l-passi u ma jerħulix minn taħt għajnejhom.

Neħħa idejh mill-but u kiser ma' l-ewwel kantuniera biex imur f'ħanut tax-xorb, fejn kienu jilagħbu l-karti. Anqas biss laħaq medd għaxar passi li ma ħassx żewġ idejn jaqbduh minn spallejh u jżommuh. "Imxi magħna l-għassa," qallu wieħed minnhom. "Irid ikellmek l-Ispettur" żied l-ieħor. Kienu żewġ Pulizija la pajżana... Nonny tbikkem u baqa' sejjer bejniethom sal-għassa. Daħlu—u sab 'il sħaba l-oħra tat-triq qegħdin f'rokna b'żewġ Pulizija għassa magħhom. Kienu kollha, barra wieħed—dak li kien qala' xebgħa minn għand Nonny il-jum ta' qabel u li kien ħalef li jpattihielu. L-Ispettur kien qed jitkellem ma' wieħed "sinjur", li kienu daħlulu ġo daru u serquh xi ġimgħa qabel.

In-Nonny gidem xofftu, qagħad bil-qiegħda u b'idejh għaf-feġ l-erba' biċċiet tas-sigarretti li kellu fil-but. Id-dell iswed tar-Riformatorju kien waqa' fuq in-Nonny u fuq sħabu!

# IL-GMIEL TA' ARTNA

*Ta'* Ġużè Chetcuti

Smajthom igħidu kemm-il darba Malta ġnien ta' ward u żahar,
Ifewwaħ, tħaddar fir-rebbiegħa, hajja dejjem lejl u nhar,
Safi s-sema li jsaqqafha, sajf u xitwa kulħadd drah,
Iżda l-ġmiel ta' Art twelidna ebda għajn ma taf tarah.

La tfittxux fejn l-oqsma tħammar b'ward is-silla kullimkien,
La tħarsux bejn ikħal w ikħal fejn ix-xemx trodd il-qawmien,
Ma jdumx wisq li dik id-dehra tibda tnin sakemm tintemm,
Għax il-ġmiel ta' Art twelidna ibqgħu żgur ma ssibuhx hemm.

Malta għandha glorja akbar: dan l-Ilsien li nikteb bih,
Li bih ruħi nfisser sewwa meta nkun magħsur bl-uġigħ;
Dan l-Ilsien li qlubna jaħkem iżda l-fehma ma jassarx:
Dan il-ġmiel ta' Art twelidna għadda ż-żmien u ma tħassarx.

Baqa' jikber, baqa' jogħla, u l-egħdewwa saru ħbieb,
Konna ftit, sirna kotrana; kulma jmur kollox jitjieb,
Għax bis-saħħa tiegħu ksibna, ksibna, ksibna l-ogħla ġieħ.
Dan hu l-ġmiel ta' Art twelidna, dan l-Ilsien li ħdimna għalih!
Dan hu l-ġmiel ta' Art twelidna, dan l-Ilsien li nħobbu sħiħ!

## STAQSEWNA... U NWIEĠBU

**Xi ħbieb staqsewna neħdux għalina jekk jagħmlulna xi offerta ta' flus. Hasbu li l-"Għaqda" tagħna tgħum fil-flus u ma ridux kieku jġagħluna nisthu billi jagħmlu karità magħna.**

**Lil dawn il-ħbieb inwieġbuhom li l-"Għaqda" la għandha u lanqas qatt ma kellha flus żejda f'idejha. Barra minn dan, mhux talli ma neħdux għalina jekk xi ħadd jogħġbu jibagħtil-na xi flus, imma nibqgħu nafuhulu tassew u l-flus li jibgħat insibu x'nagħmlu bihom għall-ġid u r-riżq ta' Isienna.**

# TRAB

*Ta'* Dun Frans Camilleri

JEKK toqgħod taħseb sewwa xi jgħidlek il-qassis, nhar l-Erbgħa tar-Rmied, waqt li fuq rasek jagħmillek ir-rmied f'sura ta' salib, jidhirlek, f'dak il-ħin, li l-kliem li jgħidlek ma jaqbilx kollu mas-sewwa: għax jekk toqgħod taħseb, forsi tiġik quddiem għajnejk il-mewt u s-sura li jieħu ġisimna meta tgħib minnu l-ħajja; u għalhekk meta l-qassis jgħidlek "int għad terġa' trab" inti tagħraf li hu qed igħid is-sewwa, u f'dan taqbel miegħu. Iżda ma nafx jekk inti taqbilx (u naħseb li ftit jaqblu) mal-qassis meta jgħidlek "trab inti" waqt li jitlaq minn bejn subgħajh ir-rmied fuq rasek.

Imma l-lum nistgħu naraw, forsi aktar minn qabel, kemm huwa minnu li aħna tassew trab u li nerġgħu nsiru trab. Sa ftit żmien ilu konna naħsbu li t-trab insibuh biss barra t-triq jew fil-ħiexken għand l-ispiżjar. Il-lum insibuh għand tal-ħwienet kollha ta' l-ikel; u kulħadd, nistħajjel, għandu fuq l-ixkaffa xi flixkun bit-trab tal-bajd u ieħor bit-trab tal-ħalib ma' ġenb il-bott tat-te u taz-zokkor. Li kien żmien ieħor kien ikollna nqiegħdu fuq is-sajdbord xi tliet jew erba' bċejjeċ oħra mas-sett tat-te; imma l-lum min għandu ftit trab tal-bajd igħassisha aktar mill-ġdur u mill-kabocċi, u għalhekk iqiegħdu f'xi armarju u mhux fuq is-sajdbord, fejn jidher.

U tabilħaqq, it-trab sirna ngħożżuh l-aktar fost il-ħwejjeġ li għandna! L-um qegħdin nieklu t-trab. X'ħaġa! Kollox qegħdin jibdlu fi trab; u kollox jerġa' kif kien meta jidħol fl-istonku. Bajda jew tnejn saru żewġ imgħaref trab... u t-trab jerġa' jagħqad u jsir bajd, kif kien qabel. X'għaġeb! Għaġeb tassew. Imma jekk toqgħod taħseb sewwa fuq dan it-tibdil kollu, inti tifhem kif kollox (u dan huwa għaġeb ieħor) jerġa' fejn kien: il-frak kollu li tiekol it-tiġieġa, titħnu u tagħġnu u minnu mbagħad tagħtina l-bajd. Mhux għaġeb, għalhekk, jekk il-bajda, li qabel kienet trab u tħin, tista' terġa' tinbidel fi trab.

Hekk ukoll, kif qegħdin naraw il-lum, jista' jsir u qiegħed isir fil-bniedem. Dak kollu li huwa materjali jista' jinbidel fi trab. Il-ħobż ma jsirx ħobż qabel ma jsir trab; u kollox, kulma tagħtina l-art, bħalma jinbet u jikber fit-trab ta' l-art, jerġa' jin-

bidel fi trab. Il-ġisem tal-bniedem, li ħa wkoll is-sura mit-trab ta' l-art, huwa trab. Il-lum nistgħu nwettqu aħjar kliem il-qassis, fl-Erbgħa tar-Rmied, u nistgħu ngħidu wkoll li l-bniedem huwa trab, igħix bit-trab, u jerġa' trab.

Kollox, immela, isir trab! Dak biss ma jsirx trab, dak li huwa ogħla mit-trab ta' l-art, għax huwa eqreb lejn Alla li m'huwiex trab. Hija r-ruħ tal-bniedem li tagħraf suritha u xbihitha minn Alla, u mhux mit-trab, u għalhekk qatt ma ssir trab. Jintemm il-ġisem tal-bniedem fit-trab ta' l-art għax igħix bit-trab; imma ruħu tibqa'... għax tgħix bin-nifs li joħroġ mill-fomm ta' Alla.

U jekk huwa għaġeb kif kollox isir trab, huwa għaġeb tassew akbar kif il-bniedem, wara li jsir trab, jerġa' kif kien biex jingħaqad ma' ruħu. Iqum il-bniedem u jinfired mit-trab, biex jerġa' jgħix... għax iklu mhux biss ħobż, u jibqa' bla jintemm, waħdu fost il-ħolqien, bit-trab li kien tah Alla.

---

## "GĦANJIET BIKRIJA", ta G. Zarb Cousin. — Lux Press.

Din hija ġabra ta' tletin poeżija miktubin minn G. Zarb Cousin, tax-"Xirka tal-Malti għat-Tfal" (Fergħa Sliema). Il-fatt li kiteb dawn il-poeżiji meta anqas biss m'għandu għoxrin sena juri fl-isbaħ dawl lix-Xirka tat-Tfal, kif ukoll jixhed il-potenzjalità letterarja tat-tfal Maltin.

Dawn it-tletin poeżija jħaddnu kemm-il-suġġett: bejn l-ewwel waħda "*Lil San Ġwann B. de la Salle*" u l-aħħar waħda "*Lil Stella Maris*" il-kittieb igħaddi minn ġrajjiet u persunalitajiet ta' żmienna, bħal Churchill u Ruma meħlusa, igħaddi għal ħsebijiet aktarx serji (għal tifel daqsu) fuq il-ħajja u l-bniedem sakemm jasal għall-ottimiżmu ta' "*Kunu Hienja*" u "*Għanja tat-tfal Maltin*". Għax barra minn ħwejjeġ oħra Zarb Cousin għandu messaġġ x'jibgħat lil sħabu t-tfal ta' Malta, "Żommu quddiem għajnejkom li intom qalbenin" igħidilhom "tħallux in-niket jegħlibkom, "kissru r-rabit tad-dwejjaq", u rawmu ġo fihom rieda qawwija li ma tintinkiser b'xejn." Huwa nnifsu jfisser dan fil-poeżija "*Rieda*".

> "Ibqgħu rwiefen duru miegħi:
> Dina r-rieda tibqa' tiegħi!"

Rieda qawwija! Din li teħtieġ titnissel fost it-tfal Maltin.

Nittamaw li minn fost l-imseħbin tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal joħorġu kittieba żgħar oħra, b'xogħlijiet tajba miktuba mit-tfal għat-tfal.

G. C. P.

# L-ISKRUN TA' L-AJRUPLAN

*Ta'* Vic. Apap

*Lil ħabibi Karm. Vassallo.*

Ittajjar, idwi, agħqad,
ja skrun ta' l-ajruplan,
narak tleqq f'dawl is-sema
iddur mingħajr serħan.

Nisimgħek twerden, twerden,
sakemm titbiegħed sewwa,
f'ħin wieħed nilmħek riesaq
iġġorr warajk id-dnewwa

li moħħ il-bniedem ħalaq,
u għaraf bik jinqeda
biex toqol kbir itajjar
u fl-ajru b'hekk tinbeda

ħajja oħra li magħluqa
kienet għal dawk ta' qbilna,
għax l-ajru kien għat-tajra
u issa ngħata lilna.

Ittajjar, idwi, agħqad,
fuq dar il-għadu mur:
hemm tkixxef x'qed iħejji
u ibqa' b'qawwa dur

sa terġa' lura f'darna
tgħidilna b'kulma tara:
kemm jidhru bastimenti,
x'hemm fihom il-mitjara.

Tħażżem bil-bombi tajjeb
u venven mill-ġdid fuqu,
roxxlu ftit duwa taħraq,
dik żgur li għandha ttuqu.

Qed nisma' t-twerdin tiegħek
iqarreb mis-smewwiet,
minn sħaba tleħħ bħal berqa
sa tinżel tmiss l-għoljiet;

umbagħad qisek ħamiema
narak mill-ġdid tittajjar,
mas-sħab iddur u tvenven
sakemm issir wisq żgħajjar.

L-għajn ma twassalx sa fejnek
w-int tibqa' sejjer sejjer
'il bogħod bejn sema w-ilma,
'il bogħod minn dawn il-Gżejjer.

Igħaddili xebh minn moħħi
nistħajlek kewkba feġġa,
li tinfed b'dawlha s-sema
u f'daqqa tgħib bħal vleġġa.

Raddiena ta' ilma safi
narak ukoll li tixbaħ,
tilma fid-dawl tal-għodwa
u b'fuqek sħab mill-isbaħ.

Issokta dur u venven,
la ma tistax tistrieħ:
għax jekk mit-tidwir tehda
ħajtek ittir **mar-riħ.**

---

**"QLUB IMJASSRA"** ta' Ġużè Mifsud Bonnici—Empire Press—Malta. 1944.

Mhux l-ewwel darba ma' l-isem ta' Mifsud Bonnici fil-Malti. Mifsud Bonnicijiet kellna 'l Ċensu, 'il Klement, 'il Rikard, 'il Robert u 'l Carmelo. U s-Sur Ġużè Mifsud Bonnici, kittieb ta' "Qlub Imjassra" maħruġ mill-"Għaqda ta' Qari Tajjeb" ma jagħmilx għajb 'il niesu għall-kitba bil-Malti. Ismu ġa deher f'perjodiċi reliġjużi, u "Qlub Imjassra" wkoll jitkellem fuq suġġett reliġjuż: is-Seba' Tebgħat qerrieda ta' ruħna Il-kittieb jagħtina poeżija għal kull tip ta' bniedem li juri waħda minn dawn it-tebgħat, i.e.: Il-Kburi; ix-Xħiħ; iż-Żieni; l-Imgħaddab; il-Għajjur; iż-Żaqqieq; il-Għażżien; u jagħlaq b'poeżija oħra "Muftieħ il-Faraġ". Mifsud Bonnici ma għandu fi ħsiebu lil ħadd partikolari; kif igħid huwa nnifsu. "Ilkoll ninsabu taħt sema wieħed... Mhux logħobna ngħarblu egħmil ħaddieħor... Niftakru li lkoll bnedmin, ilkoll dgħajfin, ilkoll magħġunin bit-tajn ta' l-art."

Għall-poeżiji bħala poeżiji, jolqtuk għax ġenwini, ħerġin mill-qalb, u jiġbru fihom tgħarbil psikoloġiku qawwi ta' qalb il-bniedem. Dak li jolqtok, kif qal Patri Delia fid-"Daħla", "mhix il-qawwa tal-liriżmu li toħroġ minn qalb tbaqbaq bin-nar taż-żgħożija...... Mifsud Bonnici jara l-ħajja u jpinġiha kif inhi, kif igħixuha l-bnedmin meta jaqgħu lsiera tagħhom infushom. Imma ma jeqafx fil-qoxra ta' dak biss li jidher, jibqa' dieħel 'il ġewwa sa ġol-qalba tal-għeruq fejn titnissel u tixxettel il-ħajja, bil-qawwiet tagħha għas-sewwa jew għad-dnewwa."

Nittamaw li s-Sur Ġ. Mifsud Bonnici jissokta f'din it-triq tal-kitba u jagħtina xogħlijiet oħra bil-Malti.

G. C. P.

## ANAKREONTIKA

*Ta'* Jos. Galea

*Lil M. K.*

Xtaqt darba nghanni
Tas-swar il-qawwa u tat-taqtigħ il-ħerra,
Il-bgħid, is-swat, il-qtil, il-biki, id-dmugħ,
Il-qilla tar-rebbieħ li ħuiena stmerra
Mal-għadu mwaqqa' fl-art midrub, mirbuħ.

Gelben minn fommi
Flok ħsejjes ta' dagħdigħ, leħen li jżiegħel,
Leħen ta' ħlewwa li d-demm qatt ma tabba':
U flok ġrajja tal-ħemm Alla mar ġiegħel
Minn qalbi tnixxi biss għanja ta' mħabba.

Ridt nghanni darba
Il-qawwa tal-kbarat li jaħkmu għarfu
Saltnat u ġnus bis-saħħa ta' ħadidhom,
Li b'ħeġġa u b'ħila ħabtu għal bliet u ġarrfu
U riegħxu u rażżnu l-kbar eluf taħt idhom.

Feġġet minn fommi
Għanja ta' xewqa li mid-dehra trabbet
Ta' żewġ għajnejn swejdin li ġmamar kebbsu
U xegħlet qalbi msejkna fis u ħabbet...
U l-ġrajja żorra nsejt li l-qalb iwebbsu.

---

## TABIB IMGHADDAB

*Ta'* C. Micallef De Caro

Mis-semm imxabba' ta' l-ilsna ħżiena,
Ġervażju, id-Dott, mir-raħal tar,
Meħlus għal darba minn dak l-imrar!
Bil-ferħ kull raħli minnufih far,
Barra minn wieħed. Tafu minhu?
Żgur le ma tobsru: l-imqit deffien!

## HSIEB

*Ta'* Emmanuel Agius

Harist bil-mikroskopju
Lejn qatra ilma infett,
Rajt geġwiġija jiġru
Mikrobi miż-żgħar nett.
Harist mit-tieqa għall-misraħ
Ta' quddiem San Ġwann,
Rajt ħafna nies imgħaġġla,
Min sejjer 'l hemm, min 'l hawn.
Qgħadt naħseb ftit bir-reqqa:
Bejn mikrobi u nies,
Ma nafx il-firda hix kbira
Biżżejjed biex titqies.
Haġa jien naf: li nies
U mikrobi t-tnejn
F'wisq qasir żmien jintemmu
U qisu ma kien xejn.

---

## ĊAPĊIP

*Ta'* Robert Magro

"M'hawnx bħalu, għalih m'hawnx",
U bħalu ma kienx hawn.
Ngħolluh, nerfgħuh".
Tellgħuh fuq l-ispallejn,
U bih fit-toroq ġrew
In-nies ferħana.
"Osanna, m'hawnx bħalu,
Tassew mhux ħlief feddej,
Arawh, ġej, ġej!"
U għadda bħal bosta,
U nsewh bħal qatt kien xejn
In-nies belhana.
Hekk tgħajjat id-dinja;
U tħobbok u tħaddnek.
"Ngħolluh, nerfgħuh."
Tgħollik għal xejn ta' b'xejn;
Idur ir-riħ, jinsewk
In-nies xebgħana!

# WERREJ TAL-GHOXRIN SENA

**a. c.** faċċata.
Reċensjoni ... ... ... ... ... ... ... ... ... 31
**Agius, Emmanuel, B.Sc., M.D., D.P.H., D.Bact. (London)**
*Is-Sigriet ta' Mejju* ... ... ... ... ... ... ... 21
*Hsieb* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 134
**Agius, Marju**
*Ballata* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 57
**Amedy Charles, Brother**
Insewwu l-Iżbalji Tagħna ... ... ... ... ... ... 91
**Apap, Vic.**
G'dba Żgħira ... ... ... ... ... ... ... ... 14
*Iż-Żifna tal-Friefet* ... ... ... ... ... ... ... 53
*L-Iskrun ta' l-Ajruplan* ... ... ... ... ... ... ... 131
**Barbara, Patri V.V., O.P.**
*Ballata* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 45
*Ave Marìa* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 98
**Biancardi, Nikol**
L-Arka ta' Noe ... ... ... ... ... ... ... ... 28
**Bern, Patri W., O.P., C.F.**
*Helsien* .. ... ... ... ... ... ... ... ... 121
**Briffa, R., B.Sc., M.D.**
*L-Imdina* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 85
**Camilleri, Dun Frans**
*Ward l-Imħabba* ... ... ... ... ... ... ... ... 9
*Il-Ballata tal-Ġenniena* ... ... ... ... ... ... ... 47
Trab ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 129
**Cassar Pullicino, Ġ.**
"Bianca" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 19
"Nonny" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 125
**Cassola, Albert M.**
*Il-Ballata tal-Margerita* ... ... ... ... ... ... ... 50
*Nhar l-Akkademja f'ġieħ il-Wisq Rev. Mons. C. Psaila* ... ... 68
**Chetcuti, Ġorġ**
*Ballata* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 59
**Chetcuti, Ġużè**
*Lil Malta* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 4
*Il-Ġmiel ta' Artna* ... ... ... ... ... ... ... 128
**Copperstone, Kan. A.**
*F'Jum l-Ingress tal-Maħbub Mons. M. Gonzi, D.D., l-Ewwel Metropolita ta' Malta* ... ... ... ... ... 82
**Cremona, A.**
*Xi Żmien kien dak!* ... ... ... ... ... ... ... 12
Il-Konkors tal-Ballati ... ... ... ... ... ... ... 33
Rev. Chas. L. Dessoulavy Ph.D. ... ... ... ... ... 99

**Editur**
Parir lill-Kittieba ... ... ... ... ... ... ... 3
Estote Parati ... ... ... ... ... ... ... ... 65
Akkademja ... ... ... ... ... ... ... ... ... 67
Naħsbu għalli Ġej ... ... ... ... ... ... ... ... 97
**Ellul, Ċużè**
Marì ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 62
**Ellul, Louis**
*Sunetti tal-Gwerra* ... ... ... ... ... ... ... ... 17
**G.**
Reċensjoni ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64
**Galea, Ċużè, M.D., D.P.H.**
Inkwiet fil-familja ... ... ... ... ... ... 69-101
**Galea, Jos.**
*Anakreontika* ... ... ... ... ... ... ... ... 133
**Ċ.C.P.**
Reċensjoni ... ... ... ... ... ... ... ... ... 130
Reċensjoni ... ... ... ... ... ... ... ... ... 132
**G.Z.A.**
Xewqa... u Pjan ... ... ... ... ... ... ... ... 10
**Karm, Dun**
T'Adoriam Ostia Divina ... ... ... ... ... ... ... 5
*Liema...?* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 90
**Magro, Robert**
*Ċapċip* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 134
**Micallef De Caro, C., Nutar**
*Is-Saħħar* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 100
*Ix-Xħiħ* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 100
*Tabib Imgħaddab* ... ... ... ... ... ... ... ... 133
**Naudi, Paul J.**
It-Tiddin tas-Serduk ... ... ... ... ... ... ... ... 22
**Pawl, Dun**
Wenzu jfittex lil Luċija ... ... ... ... ... ... ... 86
**Psaila, Mons. C.**
Il-Konkors tal-Ballati ... ... ... ... ... ... ... 33
**Psayla, Romeo L.**
*Ballata* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 43
**Serracino-Inglott, Erin**
Dwiem ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 83
**Vassallo, Karmenu**
*Lil Ibni Oliver Paul* ... ... ... ... ... ... ... 26
*Perfecti Mysterium Amoris* ... ... ... ... ... ... 35
*Imħabba, Ħaqq u Mewt* ... ... ... ... ... ... ... 37
*Il-Ħati* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 39
*Ġieħ u Għajb* ... ... ... ... ... ... ... ... 41
**Vella Haber, Kelinu**
*Imħabba fin-Nirien* ... ... ... ... ... ... ... 55
**Zarb Adami, G.**
Il-Konkors tal-Ballati ... ... ... ... ... ... ... 33

**TAGĦLIM FUQ IL-KITBA MALTIJA** — Ant. Cremona. Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp, Ħamrun. Malta, 1944. pp. 262.

Ħarġet it-Tielet Edizzjoni ta' din il-Grammatika Maltija għall-istudenti tal-Liċeo u Skejjel Sekondarji, kif ukoll għal kandidati ta' eżamijiet għall-postijiet ta' Skrivani mal-Gvern u għal kull min jixtieq jitgħallem il-Malti skond r-reguli tal-morfoloġija u tas-sintassi. Din l-edizzjoni hija miżjuda u mirquma b'xi reguli ġodda u b'xi rqaqat importanti għall-istudju morfoloġiku tal-Lsien Malti. Tinsab għall-bejgħ għand A.C. Aquilina & Co.; Cordina's Emporium, il-Belt; Kristinu Farrugia, Mdina Bazaar, Mdina; u C. Carabott & Co., ir-Raħal il-Ġdid.

**JINBIEGH 1s.**

Aġent Direttur: ANT. CREMONA.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, Dingli Circus,
Sliema.

LIL SHABNA TAL-"GHAQDA"
U LILL-QARREJJA TA' "IL-MALTI"
UKOLL DIS-SENA
NIXTIQULHOM KULL ĠID U HENA
B'TAMA LI GHAS-SENA LI ĠEJJA
IKOLLNA X-XORTI LI FUQNA
IX-XEMX TITLA' FUQ SEMA TA' SLIEM
GHAL DIN IL-GŻIRA
LI FUQ IL-HERBIET TA' L-ĦHREX GWERRA
LI ĠARRBET ID-DINJA
TARFA' RASHA GHAL HAJJA ĠDIDA
TA' DEMMNA U LSIENNA.